MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2012

Rikors Numru. 172/2011

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**vs**

**S.A. Construction Ltd. (C 6055)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-30 ta' Mejju 2011 fejn is-socjeta' rikorrenti S.A. Construction Ltd. ippremettiet is-segwenti:

*"Illi fl-24 ta' Marzu 2011 giet registrata quddiem din l-Onorabbli Qorti ittra ufficcjali, u anness maghha, dikjarazzjoni guramentata ghall-finijiet ta'* ***l-Artikolu 466*** *tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni kontra is-socjeta' rikorrenti, f'liema ittra s-socjeta' rikorrenti giet interpellata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni sabiex ihallsu is-somma ta' elf, hames mija u erbatax-il Ewro u disa' centezmi*

*(€1,514), allegatament dovuti bhala taxxa fuq dokumenti u trasferimenti ghall-finijiet ta' l-***Artikolu 60** *tal-Kap 364 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi dan ir-rikors qieghed isir a bazi ta' l-istess* **Artikolu 466** *u qieghed jigi espost mir-rikorrenti illi l-ammont mitlub fl-imsemmija ittra ufficcjali mhux dovut fil-fatt u fid-fritt, kif ser jigi muri fil-mori ta' dawn il-proceduri, u kif ukoll pero' mhux limitatament minhabba:*

*Illi l-ammont li thallas mis-socjeta' rikorrenti bhala taxxa thallas kif suppost a bazi ta' dikjarazzjoni ta' l-istess socjeta', li fl-umli opinjoni taghha hija dik korretta u dan ukoll kif ser jigi muri fil-mori tal-proceduri.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub mid-Dipartiment huwa fi kwalunkwe kaz eccessiv, u dan ukoll kif ser jigi muri fil-mori tal-proceduri.*

*Illi barra minn hekk is-socjeta' rikorrenti ma ghamlet l-ebda qliegh mill-bejgh tal-fond in kwistjoni ghaliex il-fondi tal-bejgh gew versati direttament lil HSBC Bank Malta plc. u ghalhekk zgur ma hemmx taxxa addizzjonali dovuta fuq dan il-fond.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' rikorrenti qeghda tirriserva kwalunkwe eccezzjoni ulterjuri permessa mill-ligi.*

*Illi kontemporanjament ma' dan ir-rikors qieghda tintbaghat ittra ghall-finijiet ta' l-Artikolu 60 tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ittra tinterpella d-Dipartiment sabiex jirrevedi l-Valur Addizzjonali Taxxabli*."
Ghalhekk is-socjeta' rikorrenti talbet lil din il-Qorti tiddikjara li t-talba tal-atturi hija nfondata ghar-ragunijet premessi.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' din l-ittra.

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Gunju 2011 fejn ordnat notifika ta' dan ir-rikors lill-intimat.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fejn eccepixxa s-segwenti:

*“Illi in linea preliminari u bir-rispett dovut, din l-Onorabbli Qorti mhiex vestita bil-kompetenza li tissindaka l-quantum tal-likwidazzjoni finali u konklussiva rapprezentanti taxxa u taxxa addizzjonali kif qed tippretendi l-kumpanija rikorrenti fir-rikors promotur, liema sindakar jista’ jsir biss a tempo debito skond il-procedura stipulata fil-Kap. 364 u cioe’ tramite Appell lit-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva minn Avviz tar-Rifjut ta’ Oggezzjoni ta’ l-esponent fi zmien tletin (30) gurnata skond l-Artikolu 58 tal-Kap 364 u Appell lil Qorti ta’ l-Appell fi zmien tletin (30) gurnata ai termini ta’ l-Artikolu 59 ta’ l-imsemmi Att.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tal-kumpanija rikorrenti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-likwidazzjoni finali u konklussiva ta’ taxxa u taxxa addizjonali fuq dokumenti u trasferimenti ai termini tal-Kap 364 tal-Ligijiet ta’ Malta hija gusta u skond il-ligi u dovuta mill-kumpanija rikorrenti fl-intier taghha.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri u dan specifikament in vista tal-fatt li l-Ufficcju ta’ l-Avukat Generali ma giex notifikat bir-rikors promotur kif trid il-ligi u li gie biss a konjizzjoni tal-imsemmi rikors promotur tard it-tlieta 21 ta’ Gunju 2011.”*

Ghaldaqstant l-intimat talab bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tal-kumpanija rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha.

Illi nhar it-23 ta’ Novembru 2011 u nhar is-16 ta’ dicembru 2011 ir-rikorrenti ma deherx u ghalhekk din il-kawza giet diferita ghas-sentenza in difetto ostakolo.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza ir-rikorrenti kien qed jagixxi skond l-Artikolu 466 tal-Kap 12 u qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tirredevi l-Valur Addizzjonali Taxxabli u dan skond l-Artikolu 60 tal-Kap. 364. Illi pero' jinghad *ab initio* li l-Artikolu 60 tal-Kap. 364 jipprovdi ghal meta likwidazzjonijiet jew likwidazzjonijiet emendati jkunu finali u konklussivi. Ghalhekk l-ewwel kif tajjeb osserva l-intimat fir-risposta tieghu ir-rikorrenti kellu josserva dak li jiddisponi l-Artikolu 58(1) tal-Kap. 364.

**L-Artikolu 58(1)** tal-Kap. 364 jipprovdi s-segwenti:-

"K*ull persuna illi thoss ruhha aggravata b'likwidazzjoni, u ma tkunx ftehmet mal-Kummissarju dwar l-ammont ta' taxxa li ghandu jithallas kif provdut fl-artikolu 56(1), tista' taghmel appell lit-Tribunal fi zmien tletin gurnata mid-data tan-notifika lilha ta' avviz tar-rifjut tal-Kummissarju li jemenda l-likwidazzjoni kif mitlub."*

Ghalhekk in vista tal-premess jirrizulta bic-car illi l-eccezzjoni tal-intimat li din il-Qorti m'ghandiex il-kompetenza sabiex tissindika l-quantum tal-likwidazzjoni finali u konklussiva huwa minnu u r-rikorrenti messu l-ewwel a tempo debito mexa skond il-procedura stipulata fl-istess Kapitolu 364 u cioe' tramite Appell lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva minn Avviz ta' Rifjut ta' Oggezzjoni fi zmien tletin (30) jum u dan ai termini ta' l-**Artikolu 59** tal-Kap 364 jekk huwa hass li l-ammont likwidat kien wiehed eccessiv.

Illi r-rikorrenti naqas li jipprova li effettivament agixxa skond il-ligi billi interpona umli Appell mill-Avviz ta' Rifjut li semmai ircieva.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tichad it-talba rikorrenti u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat billi tiddikjara li m'ghandhiex kompetenza sabiex tvarja l-ammont li talvolta gie likwidat biex jirrapprezenta l-likwidazzjoni finali u konklussiva.**

**L-ispejjez ta' din il-procedura ghandha tigi sopportata mir-rikorrenti odjern.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------